# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tas-27 ta' Jannar 2012

## li temenda d-Deċiżjoni 1999/70/KE dwar l-awdituri esterni tal-banek ċentrali nazzjonali, fir-rigward tal-awdituri esterni tad-De Nederlandsche Bank

(2012/61/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra l-Protokoll dwar l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 27.1 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew tad-9 ta' Diċembru 2011 lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea dwar l-awdituri esterni tad-De Nederlandsche Bank (BĊE/2011/22) [1],

Billi:

(1) Il-kontijiet tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u tal-banek ċentrali nazzjonali tal-Eurosistema għandhom ikunu awditjati minn awdituri esterni indipendenti rrakkomandati mill-Kunsill Governattiv tal-BĊE u approvati mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.

(2) Il-mandat tal-awdituri esterni attwali tad-De Nederlandsche Bank intemm wara l-verifka kontabbli għas-sena finanzjarja tal-2011. Għalhekk jeħtieġ li jinħatru awdituri esterni mis-sena finanzjarja 2012.

(3) Id-De Nederlandsche Bank għażel lil Deloitte Accountants B.V. bħala l-awdituri estern tiegħu għas-snin finanzjarji mill-2012 sal-2018.

(4) Il-Kunsill Governattiv tal-BĊE rrakkomanda li Deloitte Accountants B.V. jinħatru bħala l-awdituri esterni tad-De Nederlandsche Bank għas-snin finanzjarji 2012 sal-2018.

(5) Huwa xieraq li tiġi segwita r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill Governattiv tal-BĊE u tiġi emendata d-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/70/KE [2] kif meħtieġ,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Artikolu 1(8) tad-Deċiżjoni 1999/70/KE għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"8. Deloitte Accountants B.V. huma b'dan approvati bħala l-awdituri esterni tad-De Nederlandsche Bank għas-snin finanzjarji 2012 sal-2018.".

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha ssir effettiva fil-jum tan-notifika tagħha.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Bank Ċentrali Ewropew.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Jannar 2012.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

N. WAMMEN

---

[1] ĠU C 367, 16.12.2011, p. 1.

[2] ĠU L 22, 29.1.1999, p. 69.